# POPLU B'SAĦĦTU, PAJJIŻ B'SAĦĦTU

PJAN LABURISTA BIDU ĠDID

LULJU 2006

# POPLU B'SAĦĦTU, PAJJIŻ B'SAĦĦTU

PJAN LABURISTA BIDU ĠDID

LULJU 2006

# Werrej


Executive Summary 5

1.0 Il-Viżjoni Laburista 6

2.0 Fejn Ninsabu 8

3.0 L-Għeruq tal-Problemi 14

4.0 Lejn Fejn Irridu Mmorru 18

- 4.1 Sptarijiet 19
- 4.2 Sptar ta' Għawdex 28
- 4.3 Saħħa Mentali 29
- 4.4 Ċentri tas-Saħħa 32
- 4.5 Kura ta' l-Anzjani 33
- 4.6 Saħħa Pubblika 34
- 4.7 Servizz Privat mit-Tobba 35
- 4.8 Mediċinali 36
- 4.9 Promozzjoni tas-Saħħa 37
- 4.10 Donazzjoni ta' l-Organi 38
- 4.11 L-Iskola Medika u l-Institute of Health Care 38
- 4.12 Pazjenti u Qraba li Jinħtieġu Jivvjaġġaw 39
- 4.13 Sostenibilità 39
- 4.14 Qasam Internazzjonali 40

5.0 Għeluq 40

## Executive Summary

Gvern Laburista jemmen f'servizz tas-saħħa fejn il-pazjent irid ikun fiċ-ċentru ta' kull deċiżjoni li jieħu. Għalhekk, kull bidla li trid issir mhux ser issir biex tkun saret bidla. Kull bidla trid tkun imsejsa biex jinħoloq bilanċ bejn l-erba' ponot ta' dan il-kwadru.




Biex dan jitwettaq fil-prattika, irid jiġi varat programm ta' investiment sħiħ fir-riżorsi umani b'enfażi fuq speċjalizzazzjoni.

Il-qagħda finanzjarja mwegħra li ser iħalli warajh Gvern Nazzjonalista m'hix ser taqta' qalb Gvern ġdid Laburista. Dan sejjer ikun Gvern li jemmen li kull lira ivvutata fil-budget tas-saħħa ma jħarisx lejha bħala nefqa imma bħala investiment. Dan għaliex nemmnu li s-saħħa tal-poplu hija verament investiment siewi u xieraq. Is-sostenibilità tas-servizz tas-saħħa ma tiġix billi tqaċċat dak li l-poplu Malti akkwista matul is-snin, imma billi terġa` tħares, tevalwa, tassessja u timmodernizza l-operat ta' kull servizz offrut.

## 1.0 Il-Viżjoni Laburista

Ħafna drabi, meta nitkellmu dwar is-settur tas-saħħa, nitkellmu biss dwar ċifri ta' flus u spejjeż.

Rari ħafna nitkellmu dwar il-pazjent, id-drittijiet tiegħu, kemm idum u kif qed jinqeda, l-għażliet li għandu, id-dritt ta' kwalità ta' kura aħjar, x'mediċinali għandu għad-dispożizzjoni tiegħu, ir-riskji u kemm hu infurmat dwarhom. F'dan il-kuntest rari ferm tisma' lil min jitkellem dwar *benchmarks* dwar kif ser innaqqsu il-problemi ta' saħħa. Bħalissa, l-evalwazzjoni tas-servizz issir biss fuq kemm ġew jew rajna nies u qatt dwar kif ingħata s-servizz u kif tjiebet is-saħħa tal-pazjenti (*impact outcomes*).

Il-Partit Laburista jpoġġi lill-pazjent fil-qalba ta' kull deċiżjoni – għandu viżjoni. Il-Partit Laburista irid poplu b'saħħtu li jgħix kwalità għolja ta' ħajja. Poplu b'saħħtu ikun f'qagħda aħjar – qagħda li tgħinu jikkontribwixxi b'risq is-soċjetà.

B'kuntrast, Gvernijiet Nazzjonalisti issa saru lsira tad-dejn li għamlu. Bħall-qarnita li qed iddur għal subgħajha, anqas is-settur tas-saħħa mhux qed jeħlisha mill-madmad Nazzjonalista.

F'dan il-kuntest, Gvern ġdid Laburista irid iħares lejn kunċetti ġodda ta` kif jagħmel analiżi, awto-kritika u awto-evalwazzjoni tas-sistema tas-saħħa sabiex iċ-ċittadini jkunu assigurati li jkollhom garanzija ta' kwalità għolja ta' servizz tas-saħħa.

Gvern ġdid Laburista mhux biss qed jidentifika l-problemi tas-saħħa komuni fost il-poplu Malti. Gvern ġdid Laburista jfittex għajnuna taħt programmi internazzjonali sabiex itejjeb il-kwalità ta' ħajja, u jissuġġerixxi inizjattivi konkreti biex mard bħad-dijabete, mard tal-qalb u mard ieħor jonqos minbarra li tiżdied il-prevenzjoni tal-kumplikazzjonijiet assoċjati ma' dan il-mard.

Dan isir b'mod ħolistiku li jinvolvi mhux biss il-Ministeru tas-Saħħa imma diversi Ministeri, għaliex aħna nemmnu li s-saħħa tal-poplu hi responsabbiltà tal-Gvern kollu. Nemmnu li l-poplu kollu għandu jibbenifika minn kwalità ta' ħajja aħjar ħielsa mill-mard.

Il-filosofija tal-politika Laburista fil-qasam tas-saħħa m'hix waħda sempliċi fejn tibdel biex tkun saret bidla.  F'kull programm ta' bidla irid jinħoloq bilanċ bejn l-erba' ponot ta' dan il-kwadru.  Fiċ-ċentru ta' kull deċiżjoni hemm il-pazjent.



## 2.0 Fejn Ninsabu

Malta u Għawdex għandhom popolazzjoni li tlaħħaq madwar 403,000[1] persuna. Ma dawn irridu nżidu n-numru ta' turisti li jiġu f'pajjiżna f'kull perjodu tas-sena kif ukoll l-immigranti llegali.

Il-kura tas-saħħa f'Malta u Għawdex hija pprovduta mis-settur governattiv, kif ukoll mill-privat. Dik provduta mis-settur pubbliku hija waħda ċentralizzata u hija ffinanzjata minn parti mill-fond konsolidat bil-kontribuzzjonijiet taħt l-iskema Nazzjonali ta' l-Assigurazzjoni. Il-gvern, min iħaddem u l-impjegati jikkontribwixxu lejn il-fondi tal-iskema Nazzjonali ta' l-Assigurazzjoni. Barra minn hekk il-VAT żdiedet minn 15% għal 18% liema żjieda hija ppjanata li tmur fil-fond għas-saħħa. Dan il-fond sa issa ma twaqqafx. Għalkemm fil-preżent bħala persentaġġ tal-Prodott Gross Domestiku (GDP), in-nefqa fis-saħħa tidher waħda għolja, fir-realtà hija madwar terz anqas jekk wieħed ineħħi in-nefqa fuq l-isptar f'Tal Qroqq fejn l-ispiża ħarbet minn idejn il-Gvern Nazzjonalista.

Il-kura primarja, dik fil-komunità, hija aktar b'saħħitha fis-settur privat fejn it-tobba tal-familja jagħmlu kważi 70% tax-xogħol. Il-gvern għandu tmien ċentri tas-saħħa f'Malta u wieħed f'Għawdex. Fl-aħħar ħames snin, il-ħin li fih joperaw tliet ċentri tas-saħħa (ta' Bormla, Qormi u Rabat) ġie imnaqqas drastikament filwaqt li dak ta' B'Kara joffri biss servizz minimu.

Minkejja li jeżistu diversi sptarijiet u kliniċi privati, il-maġġoranza tal-poplu Malti u Għawdxi jagħmel l-aktar użu minn sptarijiet governattivi. Qed jinbena sptar f'Tal Qroqq li filwaqt li ġie mċekken minn dak li kien qed jippjana Gvern Laburista tal-1996-1998, issa se jkun qed jiġi jiswa bil-ħafna aktar u mistenni li l-ispiża totali taqbeż il-Lm250 miljun. Id-diversi wegħdi u dati

[1] *Demographic Review 2004 - Valletta: National Statistics Office, 2005*

ta’ meta kellu jiftaħ dan l-isptar kollha taru mar-riħ. Sadanittant l-isptar f’Tal-Qroqq jibqa’ assoċjat ma’ Gvernijiet Nazzjonalisti għad-diversi irregolaritajiet u abbużi u li t-tkomplija tiegħu tneħħa mir-responsabbiltà tal-Ministeru tas-Saħħa.

Fil-preżent f’Malta u Għawdex insibu madwar 500 sodda għal kull 100,000 persuna meta l-medja fil-pajjiżi li kienu jiffurmaw l-Unjoni Ewropea qabel it-tkabbir fl-2004 (EU-15) hija ta’ 611-il sodda kull 100,000 persuna. Bil-ftuħ ta’l-isptar f’Tal Qroqq u skond kif intqal mill-Prim Ministru bl-għeluq tal-Isptar San Luqa u l-Isptar Sir Paul Boffa l-medja tas-sodod mistennija tonqos, meta kull sena kważi kuljum numru ta’ pazjenti jitħallew fil-korsija u fil-kurituri tal-Isptar San Luqa.




Meta mqabbla mal-EU-15 għal kull 100,000 persuna għandna rata baxxa fost il-professjonijiet tat-tobba, dentisti, infermiera u spiżjara eċċ. Fl-EU-15 insibu medja ta’ 50% aktar professjonisti fil-qasam tas-saħħa. Barra minn hekk fl-aħħar snin qed ikun hemm aktar professjonisti li qed jigradwaw u wara jmorru jaħdmu barra minn xtutna.

Barra minn hekk, qed ikun hemm numru konsiderevoli ta’ paramediċi gradwati li m’humiex jiġu impjegati.

Fis-settur farmaċewtiku, nħolqu tbatijiet u problemi bil-mod ta’ kif ġiet introdotta r-reġistrazzjoni tal-mediċini. Meta sar dan, ebda konsiderazzjoni ma ttieħdet dwar ir-realtà u ċ-ċokon ta’ pajjiżna, kif ukoll il-fatt li aħna gżira. Dan wassal biex numru sostanzjali ta’ mediċini ta’ kwalità tajba minn pajjizi rinomati madwar id-dinja nkluż pajjizi tal-Unjoni Ewropea, sparixxew mis-suq lokali speċjalment dak privat.

F'Malta, il-popolazzjoni tan-nisa hi ta' 50.4%[2]. Dawk ta' bejn 0-14-il sena jlaħħqu s-17% tal-popolazzjoni[3] (EU-25 hi ta' 16%)[4] filwaqt li dawk ta' aktar minn 65 sena jlaħħqu t-13% tal-popolazzjoni[5] (EU-25 hi ta' 17%)[6].

It-tbassir fl-istatistika joffrilna xejriet li jridu jittieħdu inkonsiderazzjoni.







F'Malta, it-tbassir għas-sena 2050 huwa li l-persentaġġ ta' dawk taħt l-14-il sena ser jonqos minn 17% għal 12.3% tal-popolazzjoni (-4.7%)[7].

Fil-25 stat ta' l-Unjoni Ewropea, r-rata ta' tnaqqis sas-sena 2050, mistennija tkun ta' –2.1%[8].

Mill-banda l-oħra, persuni li jgħixu f'Malta li għandhom 65 sena jew aktar ser jiżdiedu minn madwar 13% għal 27% tal-popolazzjoni (+14%)[9].

Fil-25 stat ta' l-Unjoni Ewropea, l-persentaġġ mistenni jiżdied +44.1% (ta' dawk bejn il-65 u s-79 sena) u ta' +180.5% (għal persuni ta' 'l fuq minn 80 sena)[10].

[2] *Demographic Review 2004 - Valletta: National Statistics Office, 2005*
[3] *Demographic Review 2004 - Valletta: National Statistics Office, 2005*
[4] *Eurostat: Statistics in Focus - Populations & Social Conditions, 2006*
[5] *Demographic Review 2004 - Valletta: National Statistics Office, 2005*
[6] *Eurostat: Statistics in Focus - Populations & Social Conditions, 2006*
[7] *Demographic Review 2004 - Valletta: National Statistics Office, 2005*
[8] *Eurostat: Europe`s Changing Population - Memo 05/96, Brussels 2006*
[9] *Demographic Review 2004 - Valletta: National Statistics Office, 2005*
[10] *Eurostat: Europe`s Changing Population - Memo 05/96, Brussels 2006*

F'Malta, fil-pajjiżi ta' l-Unjoni Ewropea qabel it-tkabbir (EU-15) u fl-istati membri ta' bħalissa fl-Unjoni Ewropea (EU-25), il-popolazzjoni[11] hija proġettata li tkun hekk:

| | 2004 | 2010 | 2030 | 2050 |
|---|---|---|---|---|
| Malta | 400,000 | 423,000 | 479,000 | 508,000 |
| EU-15 | 382,674,000 | 390,652,000 | 398,737,000 | 384,356,000 |
| EU-25 | 456,815,000 | 464,054,000 | 469,365,000 | 449,831,000 |

Ir-rata ta' mwiet fi tfal taħt il-5 snin f'Malta hi ogħla mir-rata fil-pajjiżi ta' l-Unjoni Ewropea qabel it-tkabbir fl-2004. Fl-2003, ir-rata f'Malta kienet ta' 6.17 għal kull 1000 twelid filwaqt li fl-EU-15 kienet ta' 5.4 għal kull 1000 twelid.

L-irġiel Maltin u l-Għawdxin għandhom medja ta' tul ta' ħajja ta' 76 sena (EU-25 = 74.8 sena) filwaqt li n-nisa jgħixu medja ta' 81 sena (EU-25 = 81.1 sena)[12].

L-ikbar kawża ta' mwiet f'Malta u Għawdex hija riżultat ta' mard tal-qalb u mard tal-arterji tal-moħħ (stroke jew puplesija).

| | Mwiet relatat ma' mard tal-qalb (għal kull 100,000 persuna fl-2003) | Mwiet relatat ma' mard tal-arterji tal-moħħ (għal kull 100,000 persuna fl-2003) |
|---|---|---|
| Malta | 149.77 | 69.11 |
| EU-15 | 90.19 | 57.08 |

Fl-2003, kellna 1644 każ ġdid ta' kanċer, żjieda ta' 4% fuq każijiet ġodda rrapurtati fis-sena 2000.

L-aktar komuni hemm dawk tal-pulmun bi 17% u tas-sider fin-nisa bi 13%.

Għal kull 100,000 persuna 5 jmutu (EU-15 imutu 10 persuni) kawża ta' suwiċidju. Ir-rata ta' mwiet riżultat ta' inċidenti tat-traffiku hi ta' 4 għal kull 100,000 persuna f'Malta, filwaqt li fl-Ewropa hi ta' 10 persuni għal kull 100,000 persuna.

[11] *Eurostat: Statistics in Focus - Populations & Social Conditions, 2006*
[12] *Health in Europe - European Communities, 2005*

F'pajjiżna anqas persuni jmutu riżultat ta' mard infettiv filwaqt li għandna rata baxxi ta' każi ta' tuberkulożi (4.5 għal kull 100,000 persuna) u tal-HIV (0.25 għal kull 100,000 persuna)[13]. Fl-aħħar snin ġiet innutata żieda qawwija f'każi ta' mard mill-mikrobu Meningococcus.

Il-marda tad-dijabete f'Malta u Għawdex hija waħda komuni u għolja meta kkomparata mal-pajjiżi l-oħra. Huwa stmat li bejn dawk il-pazjenti li jattendu s-servizzi pubbliċi u dawk li jieħdu l-kura fis-settur privat, iċ-ċifra tilħaq l-10.0% tal-popolazzjoni.

Madwar kwart (25.7%)[14] tal-popolazzjoni tpejjep. Huwa stmat li 30% ta' l-irġiel u 21% tan-nisa ipejpu. Huwa stmat ukoll li 20% tal-popolazzjoni waqqfet tpejjep. Fl-aħħar 10 snin ir-rata ta' tipjip fost it-tfal taħt is-17-il sena irduppjat.

Din l-istatitistika[15] turi r-rati perċentwali għas-sena 2000 ta' mwiet relatati ma' tipjip fost irġiel u nisa.

| | Irġiel | Nisa |
|---|---|---|
| Malta | 16% | 3% |
| Renju Unit | 22% | 16% |
| Italja | 24% | 5% |
| Ġermanja | 22% | 6% |
| Franza | 21% | 3% |

Skond statistika provduta mill-Għaqda Dinjija tas-Saħħa għas-sena 2003, il-Maltin u l-Għawdxin jikkunsmaw 5.36 litri ta' alkoħol għal kull persuna. Din it-tabella tqabbilna ma' erba' pajjiżi oħra ta' l-Unjoni Ewropea.

| | Litri għal kull persuna |
|---|---|
| Malta | 5.36 |
| Renju Unit | 9.29 |
| Italja | 7.61 |
| Ġermanja | 10.71 |
| Franza | 9.95 |

[13] *Statistika provduta mill-Għaqda Dinjija tas-Saħħa(WHO) għas-sena 2003*
[14] *Maltese Way Of Life - NSO, 2003*
[15] *Statistika provduta mill-Għaqda Dinjija tas-Saħħa(WHO) għas-sena 2003*

Il-poplu Malti u Għawdxi huwa fost l-eħxen fid-dinja bir-rata fit–tfal tkun fost l-agħar. Din l-istatistika tagħmel paragun bejn l-irġiel u n-nisa permezz ta' Body Mass Index (BMI). Il-BMI jiġi kkalkulat billi tiddividi it-toqol ta' persuna (f'kilogrammi) mat-tul tal-persuna (f'metri). Skond l-Għaqda Dinjija tas-Saħħa, għal persuna ta' 'l fuq minn 20 sena, l-BMI normali għandu jkun ta' bejn 18.5 u 24.9. BMI ta' bejn 25 u 29.9 hu meqjus bħala li qegħda fuq l-għatba ta' ħxuna żejda. BMI ta' aktar minn 30 hi ikkunsidrata li l-persuna għandha ħxuna żejda. Din l-istatistika[16] turi kemm din il-problema hi kbira ġewwa pajjiżna.

| | Bejn 25 u 34 sena BMI | | Bejn 65 u 74 sena BMI | |
|---|---|---|---|---|
| | Bejn 25 u 30 | Aktar minn 30 | Bejn 25 u 30 | Aktar minn 30 |
| Nisa | 22.1% | 10.3% | 40.2% | 30.9% |
| Irġiel | 41.6% | 22.5% | 40.4% | 21.7% |

[16] *Health in Europe - European Communities, 2005*

## 3.0 L-Għeruq tal-Problemi

Jekk wieħed kellu jifli d-diskorsi li ntqalu f'dawn l-aħħar 17-il sena minn Prim Ministri u Ministri ta' Gvernijiet Nazzjonalisti dwar "riforma fis-saħħa", dawn dejjem iffukaw fuq l-aspett finanzjarju u kemm jiswa' s-servizz tas-saħħa. Qatt ma tkellmu dwar x'inhuma l-miri tagħhom bħala l-akbar operatur tas-servizzi tas-saħħa jew kif il-pazjenti ser ikunu aktar iċ-ċentru tad-deċiżjonijiet li jittieħdu.

Id-diskors ta' Gvern Nazzjonalista fir-rigward tas-saħħa u d-deċiżjonijiet żbaljati li qed jieħu (għeluq taċ-ċentri tas-saħħa, kjuwijet dejjem jitwalu għall-operazzjonijiet, eċċ.) trid tinkwadrah fil-politika ta' neo-liberaliżmu li partiti tal-lemin qegħdin jimbuttaw bla skruplu f'diversi pajjiżi.

Il-Gvern Nazzjonalista m'huwiex jiggarantixxi servizz tas-saħħa li jilħaq l-ħtiġijiet tal-poplu. Dan qed joħloq diżlivell fil-kura li l-pazjent jista' jieħu. Wieħed li jiflaħ iħallas, qed jinqeda aktar malajr u jista' jgħix ħajja aħjar filwaqt li dak li ma jiflaħx iħallas qed jara saħħtu titmermer u l-kwalità tal-ħajja dejjem tonqoslu.

Bl-għeluq għal ħafna mill-ħin taċ-ċentri tas-saħħa ta' Bormla, Qormi u Rabat, filwaqt li fl-istess ħinijiet, iċ-ċentri tas-saħħa l-oħra qed jagħtu biss servizz ta' emerġenza, rriżulta fi tnaqqis ta' pazjenti li żaru jew inkella talbu servizz ta' tabib fid-dar. Din l-istatistika[17] tikkonferma dan. Fis-sena 2000 ittieħdet il-miżura li jinagħlqu xi ċentri tas-saħħa.

[17] *Statistika mogħtija f'Mistoqsija Parlamentari Nru. 18040 fis-Seduta tas-27 ta' Mejju 2006*

## Ċentri tas-Saħħa li qed ikunu magħluqa għal ħafna mill-ħin










## Ċentri tas-Saħħa li joffru biss servizz ta' emerġenza waqt ħafna ħin






Ċentri tas-Saħħa li joffru biss servizz ta' emerġenza waqt ħafna ħin










Dan qed iwassal għal pressjoni kbira fid-Dipartiment ta' l-Emerġenza ta' l-Isptar San Luqa.

Anke fil-qasam ta' l-isptarijiet, is-sitwazzjoni sejra lura f'kull settur. L-istennija għal numru ta' investigazzjonijiet fil-qasam tal-kardjoloġija, mard respiratorju, mediċina u fis-settur tar-radjolġija qed kull ma` tmur titwal, tali mod li dawn saru inaċċettabbli, mhux fl-interess tal-pazjenti u li f'ċerti każi qed ipoġġu is-saħħa f'riskju bla bżonn. Dan apparti persuni li laħqu mietu qabel ma saru l-investigazzjonijiet neċessarji.

Apparat ta' l-*Isleep Laboratory* li kien ordnat fl-1998 u wasal xi ġimgħat wara l-elezzjoni ta' l-1998, tħalla għal numru ta' snin fil-kaxxi. Kien biss f'dawn l-aħħar xhur li dan l-apparat beda jitħaddem bir-riżultat li l-lista ta' pazjenti jistennew laħqet twalet għal diversi mijiet.

L-istennija u l-kjuwijiet għall-operazzjonijiet kulma tmur qed titwal ukoll. Hemm diversi fatturi għal dan. Il-kawża prinċipali hi t-tmexxija ħażina tal-isptarijiet u n-nuqqas ta' ħeġġa għal bidliet radikali f'din it-tmexxija. B'hekk is-sitwazzjoni sejra mill-ħażin għall-agħar. Huwa inaċċettabbli li pazjenti jridu jistennew aktar minn sentejn għall-operazzjoni tal-kataretti; aktar minn ħames snin biex isir intervent għal ċertu operazzjonijiet ortopediċi; madwar sentejn biex isiru operazzjonijiet tal-vini jew tal-ftuq; eċċ.

Gvern Nazzjonalista, m'għandux ir-rieda politika biex jindirizza dawn il-problemi fis-settur tas-saħħa. Qed jalludi lilu nnifsu li bil-ftuħ ta' sptar ġdid, il-problemi ser jissolvew waħedhom. Din hija premessa falza għaliex is-servizz jitjieb biss meta jitjiebu s-sistemi u l-metodi ta' tmexxija u direzzjoni. Sadanittant ħafna apparat fl-Isptar San Luqa qed jitħalla bil-ħsara; affarijiet essenzjali li jintużaw ta' kuljum mill-pazjenti jew mill-istaff huma *out of stock,* filwaqt li ma teżistix sens ta' prijorità jew pjani fit-tul fin-nefqiet li jsiru.

Minħabba li hu maqtugħ mill-poplu, dan il-gvern qed jinnega li fis-settur tas-saħħa hemm moral baxx fost is-setturi kollha ta' l-impjegati. Din hija waħda mill-problemi prinċipali għall-falliment tat-tmexxja Nazzjonalista u turi kemm ma jemminx fil-potenzjal tal-ħaddiema Maltin. Agħar minn hekk, wara li l-pajjiż qed iħarreġ biex ikollna l-aqwa professjonisti, malli jispiċċaw mill-istudju dawn iż-żgħażagħ qed jintebħu li mhux qed jiġu offruti opportunità u anqas futur f'pajjiżna. B'hekk qed ifittxu karriera barra minn xtutna jew fis-settur privat. Din tkompli tbaxxi l-moral ta' dawk li qed jippruvaw jagħtu l-aħjar tagħhom lis-servizz tas-saħħa.

Problema li ħoloq Gvern Nazzjonalista u ser ikollha riperkussjonijiet kbar fil-futur hu l-fatt li bena sptar ġdid li jesa' anqas sodod. Fil-preżent, in-numru ta' sodod fl-isptarijiet Maltin diġa' hu aktar baxx mill-medja ta' sodod fl-isptarijiet li jinsabu fil-pajjiżi ta' l-Unjoni Ewropea. B'dan il-pass, Malta ser tkompli tinżel 'l isfel meta komparata mal-pajjiżi l-oħra ta' l-Unjoni.

Għaldaqstant, hemm possibilità reali li minkejja li ser jinfetaħ sptar ġdid lejliet l-elezzjoni, l-isptar San Luqa jista' ma jkunx possibbli li jingħalaq qabel numru ta' snin. Dan anke jirriżulta minħabba nuqqas tal-gvern preżenti li ma jagħmilx l-investiment neċessarju fil-kura fil-komunità u fis-settur ta' rijabilitazzjoni.

Bl-età dejjem tikber fost il-popolazzjoni tagħna, it-talba għal aktar kura speċjalizzata u l-kwalità tal-mediċini meħtieġa, trid tiġi indirizzata. Is-servizzi għandhom jiżdiedu u mhux jonqsu.

## 4.0 Lejn Fejn Irridu Mmorru

Gvern ġdid Laburista jwettaq dak li jwiegħed.

Gvern ġdid Laburista jagħti nifs lill-ekonomija ta' pajjiżna. Biex dan isir, is-saħħa tal-poplu u l-ekonomija jridu jimxu id f'id. Għalhekk, is-saħħa titpoġġa fuq quddiem ta' l-aġenda politika. Biex jitjiebu s-servizzi tas-saħħa hemm bżonn viżjoni u direzzjoni tajba sabiex isir użu aħjar mir-riżorsi. Gvern Laburista jagħti viżjoni lis-settur tas-saħħa u jwiegħed li ma jisparpaljax flus bl-addoċċ, kif sar taħt diversi gvernijiet Nazzjonalisti. Kwalunkwe żjieda fin-nefqa issir bl-aktar mod responsabbli, trasparenti u li twassal għal ġid viżibbli tal-pazjenti.

Kull pazjent irid jingħata numru ta' drittijiet f'qafas legali.

Il-pazjent għandu jkollu:

- dritt għal dik il-kura minn tim ta' professjonisti kwalifikati;
- dritt li jingħata informazzjoni b'mod li jista' jifimha;
- dritt li jagħżel hu l-kura, liema deċiżjoni tkun ibbażata fuq informazzjoni sħiħa mogħtija lilu minn tim mediku;
- aċċess għar-records mediċi kollha tiegħu;
- dritt li jkollu kunfidenzjalità assoluta u l-protezzjoni tad-data;
- dritt li jista' jagħmel ilment u li jkun jeżisti l-makkinarju biex l-ilment jinstema' b'mod ġust u trasparenti;
- il-garanzija li ebda osservazzjoni jew esperiment mediku ma jsir mingħajr il-kunsens espliċitu minn qabel tal-pazjent u li kull esperiment jew riċerka jkollha l-approvazzjoni etika.

Gvern Laburista jiggarantixxi li operaturi privati ta' servizzi tas-saħħa m'huma ser isibu ebda xkiel, dment li josservaw il-liġijiet tal-pajjiż u tad-Diviżjoni tas-Saħħa bħala regolatur. Madankollu, dawn iridu jħarsu d-drittijiet tal-pazjent kif imfassla hawn fuq. Issir ristrutturar tad-Diviżjoni tas-Saħħa, fejn, ir-rwol tad-Diviżjoni jkun maqsum hekk:




## 4.1 Sptarijiet

Il-filosofija tkun ispirata u msejsa fuq *patient-centred-care*.

Minnufih malli jinħatar Gvern Laburista, tinħatar *Task Force* magħmula minn uffiċċjali tal-Ministeru tas-Saħħa, mid-Diviżjoni tas-Saħħa u mir-rappreżentanti tal-ħaddiema sabiex fi żmien tliet xhur jiġu evalwati l-prattiċi kollha mdaħħla sa dak iż-żmien fl-Isptar Tal-Qroqq. Fi żmien tliet ġimgħat, il-Ministeru tas-Saħħa jagħmel evalwazzjoni biex jara f'liema stadju jkunu waslu ċertu deċiżjonijiet li qed jitħabbru b'ħafna għaġġla u bla ebda konsultazzjoni wiesa' ma' dawk milquta.

Wara li ssir reviżjoni (fejn ikun meħtieġ) ta' dawn il-prattiċi, irid isir *time-frame* prattiku ta' kif ser titmexxa l-kompliment tat-trasferiment tas-servizzi mill-Isptar San Luqa lejn l-Isptar Tal-Qroqq. Iridu jiġu identifikati l-persuni responsabbli minn dan it-trasferiment u ser ikunu *accountable* għall-proċess kollu ta' dak is-settur li għalih il-persuna tkun responsabbli.

Minkejja li saru diversi dikjarazzjonijiet min-naħa ta' Gvern Nazzjonalista dwar ċaqliq ta' sptarijiet u bini ta' blokok ġodda ġewwa r-Residenza San Vinċenz de Paule, ir-rekord tal-Gvern Nazzjonalista ma tantx jawgura li dawn il-miri huma ta' min jorbot fuqhom.

Il-pjan Laburista huwa li l-Isptar f'Tal-Qroqq iservi ta' sptar ġenerali ewlieni.

Fl-Isptar Sir Paul Boffa, isir it-tibdil strutturali neċessarju ħalli jkompli jservi bħala sptar speċjalizzat fil-kura tal-kanċer u tad-dermatoloġija.

L-Isptar Zammit Clapp jinbidel fi sptar ta' kura specjalizzata u riċerka f'ċertu mard relatat ma' l-anzjani.

Fl-istess ħin li qed isir il-migrazzjoni tal-pazjenti mill-Isptar San Luqa għall-Isptar f'Tal-Qroqq, il-postijiet vakanti fl-Isptar San Luqa jibdew jintużaw biex fihom jitpoġġew dawk il-pazjenti li jkollhom bżonn ta' servizz ta' rijabilitazzjoni irrispettivament mill-età li huma għandhom.

Fl-istess ħin, każijiet soċjali, għandu jinstabilhom post adegwat fl-Isptar San Luqa sakemm issir l-infrastruttura neċessarja fir-Residenza San Vinċenz de Paule u fil-komunità fejn huma jkunu jistgħu jgawdu ħajjithom.

L-Isptar Monte Carmeli għandu jibqa' sptar speċifikalment speċjalizzat għall-kura tas-saħħa mentali.

Sadanittant, wara tibdil infrastrutturali neċessarju, parti mill-bini fl-Isptar San Luqa jospita fih dawk il-persuni b'diżabilità, li ħadd mill-familja tagħhom ma jkun jista' jibqa' jdur bihom u ma jkunux l-anqas kapaċi jgħixu b'mod indipendenti fil-komunità.

Partijiet oħra mill-Isptar San Luqa għandhom iservu biex bi ftehim ma' dawk kollha kkonċernati, jintużaw ħalli titnaqqas il-lista ta' stennija għal diversi pazjenti b'kundizzjonijiet differenti.

Użu ieħor għal parti mill-bini ta' l-Isptar San Luqa għandha tkun bħala parti mill-pjan ta' emerġenza nazzjonali. Fil-passat, l-Isptar Santa Marija, kien ippjanat li jservi bħala l-isptar f'emerġenza nazzjonali. L-Isptar Santa Marija bħalissa qed jipprovdi servizzi oħra u allura ma jistax jaqdi l-funzjoni oriġinali fejn f'każ ta' emerġenza nazzjonali kellu jilqa' fih dawk il-pazjenti biex jingħataw l-ewwel għajnuna u wara jintbagħtu lejn l-isptar ġenerali, dawk il-pazjenti biss li verament ikun jinħtieġilhom aktar kura. B'hekk tiġi evitata konġestjoni bla bżonn fid-Dipartiment ta' l-Emerġenza.

L-isptarijiet kollha jitmexxew b'mod awtonimu, fejn b'sens ta' għaqal kull *Hospital Management Bord* (HMB) irid isib kompromess biex valuri mediċi ma jsibux rwieħhom f'konflitt ma' *constraints* finanzjarji.

Kull HMB ikun irid jirrifletti l-interessi ta' l-*istakeholders* kollha filwaqt li jiżgura li l-pazjent dejjem jingħata l-aħjar kura sabiex titjieblu l-kwalità tal-ħajja.

Il-pazjent jista' jikseb l-aħjar u l-aqwa kura jekk id-deċiżjonijiet kollha li jolqtuh jittieħdu qrib tiegħu u mhux x'imkien ċentrali, li hu 'l bogħod minnu. Permezz tad-diċentralizzjoni reali fit-teħid tad-deċiżjonijiet, ir-riżorsi umani u finanzjarji jkunu *cost effective* filwaqt li

jkun hemm maniġjar aħjar tal-ħin. Konsegwenza t'hekk, il-kwalità tal-kura tkun aktar effettiva.

Kull HMB ikun responsabbli miż-żamma ta' reputazzjoni għolja ta' l-isem ta' l-isptar għax is-servizzi li jagħti jkunu ta' kwalità għolja għall-pazjenti. Il-HMB irid jara li jkun hemm sett ta' proċeduri etiċi, imsejsa fuq valuri sabiex il-pazjent u l-ħaddiema kollha mediċi u paramediċi jkollhom gwida ta' prattika, fejn fiha kulħadd jħossu membru integrali tat-tim u ħadd ma jħossu żvantaġġjat.

Barra min hekk, kull HMB irid jiżviluppa u jaġġorna sistemi ta' protokolli għall-kura, kif wkoll fil-mod kif jiddaħħlu l-pazjenti u kif jiġu mibgħuta lura fil-komunità. Dawn għandhom jitfasslu fuq normi internazzjonali u b'konsultazzjoni wiesa' ma l-*istake holders* kollha.

Sabiex jiggarantixxi l-aħjar kura lill-pazjenti, kull HMB irid jimpenja ruħu bi programmi ta' taħriġ aġġornat għall-impjegati u jittieħdu inizjattivi biex l-impjegati jispeċjalizzaw f'oqsma differenti tal-kura. Kull programm irid ikun imfassal skond id-domanda għal dik l-ispeċjalizzazzjoni u għall-membri kollha tat-tim.

Kull HMB irid ikun responsabbli mill-ambjent fiżiku ta' l-isptar. F'ċerti każi, fejn minħabba n-natura tal-mard tal-pazjenti, s-sofferenza tkun akbar, il-HMB irid jara li jtaffi ftit id-dwejjaq tal-pazjent billi jinvesti aktar riżorsi fl-aspett fiżiku.

HMB irid joħloq fuq bażi professjonali ċentri ta' *counselling* u terapija anke għall-familjari kif ukoll għall-istaff. HMB qatt m'għandu jaqta' barra s-servizz ta` NGOs li joperaw f'kull qasam relatat; anzi dawn għandhom jitqiesu bħala *stakeholders* u jkunu membri tat-tim.

Ebda HMB ma jista' jaħdem waħdu. Għalhekk irid ikollu tim b'esperjenza professjonali medika, kif ukoll persuni b'ħiliet maniġerjali biex jamministraw b'mod effiċjenti dipartimenti importanti ta' l-isptar. HMB għandu joħloq inċentivi biex il-persuni li jkollhom tmexxija maniġerjali f'idejhom, jingħataw dak it-taħriġ f'oqsma kif timmaniġġja riżorsi umani, *budgeting* kif ukoll dixxiplini oħra għall-amministrazzjoni effettiva u moderna fil-qasam ta' l-isptarijiet. F'dan il-kuntest, irid jintlaħaq ftehim ma' l-Università ta' Malta jew organizzazzjoniet oħra, kemm lokali kif wkoll internazzjonali biex jinħolqu korsijiet speċifiċi għal dan il-għan.

Gvern Nazzjonalista anqas wera s-serjetà li f'dan il-perjodu transitorju sakemm jiftaħ l-isptar il-ġdid, jittestja sistemi differenti ta' kif jista' jsolvi l-ineffiċjenza, l-iffullar u

l-frustrazzjoni tal-pazjenti f'dipartimenti vitali bħal l-*Out-Patients*, l-Emerġenza, s-Swali, t-Teatri, s-*Support Services* u dawk li jissejħu l-*Hotel Services*.

Għalhekk, gvern ġdid Laburista ikun impenjat li 'l fuq ta' l-aġenda tiegħu, jagħti prijorità lil dawn is-setturi.

### 4.1.1 *Out-Patients*

Il-problemi f'dan id-dipartiment jistgħu jittaffew permezz ta' diversi miżuri, fosthom li tiddaħħal infrastruttura effiċjenti ta' IT[18], l-*Electronic Patient Record* (EPR) li fiha jinżammu r-*records* tal-pazjenti. B'hekk, ikun hemm anqas telf ta' ħin dwar kitba, noti mitlufa, files ma jinstabux jew mhux f'posthom, eċċ.

B'infrastruttura effiċjenti u avvanzata ta' EPR, tobba miċ-ċentri tas-saħħa jista' jkollhom aċċess għar-*records* tal-pazjent. Dan jgħin biex anqas pazjenti jkollhom il-ħtieġa li jinqalgħu mill-komunità tagħhom biex imorru f'*Out-Patients* ċentralizzata.

B'sistema avvanzata ta' EPR, pazjent jista' jagħżel li jmur għand it-tabib privat u mill-klinika privata, il-pazjent xorta jista' jkollu aċċess għad-dokumentazzjoni medika.

Is-sitwazzjoni fl-*Out-Patients* titjieb ukoll jekk is-sistema ta' appuntamenti tkun iffukata fuq il-bżonnijiet tal-pazjent li jiġi ttrattat ta' bniedem u mhux ta' numru.

Fl-aħħar snin, biex pazjenti jattendu ċertu dipartimenti fl-*Out-Patients*, qed ikollhom jistennew diversi xhur biex jarahom għall-ewwel darba l-ispeċjalista. Il-fatt li tabib irrefera pazjent lejn id-Dipartiment tal-*Out-Patients* ifisser li t-tabib kuranti jħoss li l-pazjent jinħtieġlu attenzjoni aktar speċjalizzata.

Għal din ir-raġuni, hija inaċċettabbli li fl-interess tas-saħħa tal-pazjenti, dawn jitħallew jistennew diversi xhur, f'ċerti każi, kważi sena biex jiġu eżaminati minn speċjalista. Din tkun aggravata aktar meta pazjent wara li jkun eżaminat mill-ispeċjalista, jitħalla diversi xhur oħra biex isirulu l-investigazzjonijiet.

[18] *Gvern Laburista jiggarantixxi d-dritt ta' kunfidenzjalità assoluta u l-protezzjoni tad-data kif indikat aktar qabel f'dan id-dokument.*

Għal din ir-raġuni, jittieħdu l-passi meħtieġa ħalli r-rotta titreġġa` lura sabiex fid-dipartimenti kollha tal-*Out-Patients*, il-massimu li l-pazjent jistenna ma jaqbiżx ix-xahar minn meta jagħmel l-appuntament. Dan jista' jsir billi t-tobba fil-privat jidħlu f'forma ta' *partnership* mal-qasam governattiv, ħalli l-pazjenti jkollhom dijanjosi fl-iqsar żmien possibbli. Barra minn hekk, jitħaddem pjan ma' l-ispeċjalisti ħalli fl-interess tal-pazjenti, it-*targets* issetjati jintlaħqu.

Is-servizzi kollha ta' l-*out-patients* iridu jibdew jiġu evalwati fuq is-sistema ta' *outcome* u mhux biss *output*. Għandhom jiġu evalwati *best practices* u dawn jiġu implimentati fis-sistema. B'hekk ikun assigurat li l-aħjar kura tkun qed tingħata lill-pazjent.

Irid jiġi assigurat li s-servizz fil-komunità għal dawk il-pazjenti li jkunu għadhom kif ħarġu mill-isptar ikun effettiv u aktar wiesa'. Dan jista' jinkiseb billi jiġu inkorporati professjonijiet oħra barra dawk preżentament involuti, ħalli s-servizz isir wieħed ħolistiku. Il-*link* bejn is-servizz ta' l-*out-patients*, l-isptarijiet u l-komunità għandhom jissaħħu biex b'hekk isir l-aħjar użu ta' dawn it-tlett friegħi tas-servizz. B'integrazzjoni aħjar il-pazjent ikun mhux biss moqdi aħjar iżda jingħata s-servizz fil-livell li jkun neċessarju f'dak il-ħin, mingħajr tbatija żejda. B'hekk ukoll isir l-aħjar użu ta' l-impjegati u tal-ħin.

Fil-qasam tad-dentistrija, għandu jkun assigurat li l-kura li tingħata tħares l-ewwel u qabel kollox, is-salvazzjoni tas-snien. Għalhekk, tissaħħaħ il-promozzjoni tas-saħħa f'dan il-qasam, kemm fl-iskejjel kif ukoll fuq il-midja. Fid-dipartiment tad-dentistrija jiddaħħlu prattiċi kemm għal dawk li għandhom il-karta r-roża (li jkomplu jieħdu s-servizz b'xejn) kif ukoll għal dawk li m'għandhomx il-karta r-roża.

## 4.1.2 Dipartiment ta' l-Emerġenza

Huwa fatt li hemm 'abbuż' minn dan is-servizz. Madankollu, il-ħtija mhux tal-poplu. Meta Gvern Nazzjonalista naqqas is-servizzi mogħtija miċ-ċentri tas-saħħa, kien loġiku li l-pubbliku ser ikollu jirrikorri aktar għas-servizzi offruti fid-Dipartiment ta' l-Emerġenza.

Il-problemi f'dan id-Dipartiment jistgħu jittaffew permezz ta' diversi miżuri fosthom li terġa` tingħata l-fiduċja liċ-ċentri tas-saħħa u li dawn joffru servizzi kompluti u aħjar. Fiduċja u aċċessibilità għas-servizzi fiċ-ċentri tas-saħħa, tnaqqas id-dipendenza ta'

pazjent li jkollu jmur id-Dipartiment ta' l-Emerġenza.

Terġa` ssir kampanja edukattiva kontinwa fuq il-mezzi tax-xandir biex isir użu aħjar mis-servizzi mediċi. Din tgħin lill-poplu jagħraf aktar kif jissettja l-prijoritajiet u fejn għandu jfittex għall-għajnuna.

Bl-integrazzjoni aħjar tas-servizzi komunitarji u dawk ta' l-*out-patients* għandu jkun hemm ukoll tnaqqis fid-dipendenza tas-servizz ta' l-emerġenza. Dan għandu jwassal biex l-emerġenza tintuża minn dawk li veru għandhom bżonn u b'hekk dawn mhux biss jinqdew aħjar iżda b'aktar effiċjenza.

Is-servizz ta' l-ambulanzi irid jiġi organizzat u mmexxi bi professjonalità. L-istaff irid ikun ittrenjat speċifikalment f'dan il-qasam, ħalli l-pazjent jingħata il-kura meħtieġa minn fuq il-post.

Jiddaħħal servizz speċjalizzat ta' *24-hour-stay (Observation Ward)* fid-Dipartiment ta' l-Emerġenza. B'hekk jittaffa l-ħin ta' stennija fid-Dipartiment ta' l-Emerġenza u ma jiddaħħlux pazjenti fis-swali bla bżonn.

L-HMB irid jara li l-ħin ta' stennija jkun raġonevoli u jara li dan id-Dipartiment ikun il-vetrina ta' kwalità, effiċjenza u kontinwità fis-servizz tas-saħħa liċ-ċittadin.

## 4.1.3 Swali

Kulħadd jaf bil-problemi fis-swali tal-Mediċina u l-Kirurġija. Fl-Isptar San Luqa, hemm nuqqas ta' spazju pparagunat mal-pazjenti li jiddaħħlu, nuqqas ta' infermiera, dehra ta' telqa, u nuqqas ta' ndafa. Gvern Nazzjonalista naqqas in-numru ta' sodod fl-isptar il-ġdid minkejja li l-medja ta' sodod fl-isptarijiet f'Malta hi anqas minn dik fil-pajjiżi ta' l-Unjoni Ewropea.

Il-Partit Laburista ser iżomm b'mod viġilanti taħt l-attenzjoni tiegħu kif ser tiżviluppa s-sitwazzjoni tan-numru ta' sodod għad-dispożizzjoni tal-pazjenti mqabbla mad-domanda li jkun hemm matul il-perjodi tas-sena. Il-Partit Laburista jista' jkun f'qagħda aħjar li jħabbar il-pjani realistiċi tiegħu aktar 'l quddiem, fejn dejjem ser iżomm il-ġid tal-pazjent bħala prijorità.

Fir-rigward ta' nuqqas ta' infermiera, iridu jinħolqu inċentivi biex aktar żgħażagħ jagħżlu

din il-karriera. Dawk li diġà qabdu din il-karriera għandhom jiġu inċentivati kemm permezz ta' taħriġ kontinwu u speċjalizzat *(continued learning)*, kif ukoll billi l-ambjent li jaħdmu fih ikun aħjar, effiċjenti u professjonali. Il-professjoni u x-xogħol relatat ma' l-infermiera jiġi rikonoxxut billi tinħarġilhom warrant u jiġi ppubblikat kodiċi ta' etika.

Mill-ewwel ġimgħa ta' Gvern Laburista, terġa` tiddaħħal ir-regola li kull pazjent irid jingħata d-*discharge letter* qabel jitlaq mill-isptar. Meta s-sistema ta' EPR kif imsemmija aktar qabel tkun qegħda topera, id-*discharge letter* trid tkun f'żewġ forom: b'mod manwali u fuq l-EPR.

Jiddaħħal is-servizz ta' *Clinical Pharmacist* fis-swali sabiex tintuża l-*expertise* professjonali tal-farmaċista dwar l-amministrazzjonai tal-mediċina lill-pazjenti, kif ukoll l-immaniġġjar ta' l-*istocks* ta' mediċini fis-swali rispettivi.

Kull HMB irid ikun responsabbli li jfassal il-ħtigijiet tad-diversi professjonijiet paramediċi. Hawn irid ikun hemm koordinazzjoni ma' l-Università ta' Malta sabiex isir pjan fit-tul tal-ħtiġijiet lokali biex il-firxa ta' professjonisti paramediċi mħarrga jkun jirrifletti l-bżonnijiet tas-servizz. Fejn l-Università ta' Malta m'għandiex korsijiet ta' taħriġ irid jkun hemm diskussjonijiet ma' Universitajiet barranin sabiex it-taħriġ f'dawn l-oqsma jkun jista' jsir. B'hekk biss nistgħu niggarantixxu li t-tim mediku jkun komplut u ta' l-aqwa livell.

Kull HMB irid jagħti prijorità lill-indafa fis-swali. Flimkien mal-*Infection Control Unit*, il-livelli ta' iġjene jridu jkunu ta' kwalità massima. Għal kull sala ser ikun hemm persuna responsabbli u identifikata minn fost l-istaff biex tkun ta' referenza għal dak kollu li jinqala'.

Tindif fis-swali ta' l-isptarijiet jinħtieġ aktar professjonalità. Għalhekk fl-ewwel sitt xhur ta' amministrazzjoni Laburista, jibda jsir taħriġ minn esperti f'dan il-qasam ħalli titjieb il-kwalità ta' tindif u jitnaqqas it-tniġġiż.

Sadanittant, is-*support staff* fis-swali irid jiġi msaħħaħ ħalli l-infermiera u l-qwiebel ikunu jistgħu jqattgħu aktar ħin mal-marid.

## 4.1.4 It-Teatri

Hemm rabta bejn il-problemi ta' nuqqas ta' sodod fis-swali u l-problemi fit-teatri.

Hemm imbagħad problemi speċifiċi. Ewlenin fost dawn insibu, l-fatt li għandna nuqqas ta' anestetisti u infermiera speċjalizzati fil-qasam ta' l-operazzjonijiet. Dan hu qasam ieħor fejn ser isir investiment fir-riżorsi umani għall-ġid tal-pazjent. Fl-ewwel sitt xhur jittieħdu l-passi ħalli jissaħħaħ id-Dipartiment.

HMB irid jara li r-riżorsi u l-ħin jintużaw b'mod aktar effiċjenti skond il-ħtiġijiet tal-pazjenti. Fi żmien xahrejn ta' Gvern Laburista, jinbdew it-taħdidiet mar-rappreżentanti tal-ħaddiema bil-għan li jittieħdu inizjattivi konkreti biex kull sena, il-listi ta' pazjenti li qed jistennew operazzjoni jonqsu bi 15%. Ikun ir-responsabilità ta' kull direttur kliniku li fi żmien sitt xhur ta' Gvern Laburista jistabilixxi *benchmarks* aċċettabbli dwar il-*waiting time* li pazjent għandu jdum biex issirlu operazzjoni ħalli l-pazjent ikun jista' jgawdi kwalità ta' ħajja aħjar.

Għal din ir-raġuni, jitwaqqaf *budget* speċjali li jkun immirat li jnaqqas il-*waiting list*. Din in-nefqa trid isir bl-aktar mod trasparenti u tkun ġustifikata bir-riżultati milħuqa.

Iridu jinħolqu *pre-admission clinics* għal pazjenti li jkollhom bżonn operazzjoni. It-tim mediku multidixxiplinarju jrid jagħmel *assessment* tal-pazjent ftit qabel l-operazzjoni biex jittieħdu dawk il-miżuri u informazzjoni meħtieġa ħalli l-operazzjoni tkun suċċess.

Fl-istess waqt bit-tisħiħ tas-servizzi komunitarji iż-żmien li wieħed jagħmel l-isptar wara l-operazzjoni għandu jonqos u b'hekk il-pazjent mhux biss ikun moqdi aħjar iżda jkun qed jiżdied l-ispazju tas-sodod fl-isptar. It-tisħiħ tas-servizzi komunitarji għandu jkun kumplimentat b'sistemi aktar effiċjenti ta' komunikazzjoni (l-EPR) bejn l-isptar u ċ-ċentri tal-komunità.

HMB irid jara li l-Pjan f'Każ ta Diżastru Nazzjonali jkun operabbli u t-timijiet ta' mediċi u paramediċi huma identifikati u fornuti bil-proċeduri u struzzjonijiet kollha ċari, kemm fejn jirrigwardja t-tijatri, kif ukoll kull dipartiment ieħor tas-saħħa. Dan irid isir fil-kuntest ta' ħidma kkordinata ma' dipartimenti oħra.

## 4.1.5 *Support Services*

Dipartimenti sħaħ, fosthom ir-radjoloġija u l-laboratorji tal-patoloġija jinsabu fi stat mwegħri. Dawn iridu sens ta' direzzjoni, tmexxija effettiva u r-riżorsi umani meħtieġa. Pazjenti ma jistgħux jibqgħu jistennew tul esaġerat ta' ħin biex issirilhom investigazzjoni radjoloġika. Ikun ir-responsabilità tad-direttur kliniku li fi żmien tlett xhur ta' amministrazzjoni Laburista jistabilixxi *benchmarks* aċċettabbli dwar il-*waiting time* li pazjent għandu jdum biex issirlu investigazzjoni radjoloġika u il-pjani neċessarji biex dan jintlaħaq ħalli l-pazjenti ikunu jista' jgawdu kwalità ta' ħajja aħjar.

Il-laboratorju tal-Patoloġija irid isir aktar effiċjenti u msaħħaħ b'riżorsi umani adegwati. Mhux ser ikun aċċettabbli li riżultati kliniċi jsiru magħrufa wara li pazjent jintbagħat id-dar, jew konsulent irid jieħu deċiżjonijiet mingħajr ma jkollu f'idejh riżultati mil-laboratorju. Dan jissaħħaħ aktar bl-introduzzjoni tal-EPR.
Iridu jissaħħu aktar s-servizzi ta' *screening*, speċjalment f'dak relatat ma' ċertu mard. Hawn irid ikun hemm koordinament aktar bejn is-servizz fil-komunità u d-dipartiment tar-radjoloġija kif ukoll il-laboratorju. Irid ukoll jissaħħah is-servizz tal-*counselling* lill-pazjenti u lill-qraba kemm qabel kif wkoll wara l-*iscreening*.

Sabiex inħajjru aktar ommijiet u missirijiet professjonisti jirritornaw għax-xogħol wara t-twelid ta' tarbija irid ikun hemm estensjoni ta' *child care* għall-impjegati ta' l-isptarijiet. Mhux hekk biss, iżda f'dawn is-servizzi għandha tkun faċilitata l-possibilità li l-omm tkompli tredda t-tarbija tagħha waqt li tkun irritornat għax-xoghol. B'hekk is-servizz tas-saħħa jkun eżempju ta' *baby-friendly workplace*. Dan l-eżempju għandu jkun msaħħaħ minn dipartimenti oħra tal-Gvern kif wkoll mis-settur privat sabiex nkabbru l-persentaġġ ta' trabi li jkunu mredda minn ommhom. Dan kif rakkomandat mill-Għaqda Dinjija tas-Saħħa (WHO) u minn riċerka li turi li dan iwassal għal trabi u tfal aktar b'saħħithom.

Jissaħħaħ is-servizz ta' *counselling* lill-pazjenti u lill-qraba.

## 4.1.6 *Hotel Services*

Permezz ta' organizzazzjoni maniġerjali aħjar, fl-ewwel sitt xhur iridu jitjiebu s-servizzi hekk magħrufa bħala *hotel services*. Dawn jinkludu: *catering*, *housekeeping* u *maintenance*. Sfortunatament, is-servizz mhux qed jilħaq

l-aspirazzjonijiet tal-pazjent. Filwaqt li dan is-servizz ikun mfassal fuq sistemi li bihom joperaw il-lukandi wieħed irid dejjem iżomm f'moħħu li s-servizzi qed jiġu provduti fi sptar fejn in-nies mhux dejjem huma fl-aħjar saħħa. Dawn is-servizzi għandhom jilħqu normi internazzjonali stabbiliti kemm f'dak li għandu x'jaqsam ma` iġjene kif wkoll fl-immaniġġjar.

## 4.2 Sptar ta' Għawdex

Fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, jeżistu diversi problemi li qed jagħmlu s-servizz mogħti ta' kwalità inferjuri.

Setturi fid-Dipartiment tar-Radjoloġija jaħdmu biss matul il-ħin u l-ġranet normali tax-xogħol. Barra minn hekk, il-magni ta' l-X-Rays huma antiki u ta' spiss ikunu bil-ħsara. F'każ ta' X-Ray tas-sider tan-nisa jew għal CT Scan, l-unika servizz li jeżisti huwa fil-privat jew persuna trid tiġi l-Isptar San Luqa. Għall-mammogram, persuna trid tistenna 14-il xahar biex isirulha l-investigazzjonijiet. F'każ ta' emerġenza għal CT Scan, pazjenta trid tintbagħat Malta bil-*helicopter* jew bl-ambulanza.

Il-magni fil-laboratorju fl-Isptar ta' Għawdex huma wkoll antiki u spiss ikunu bil-ħsara. Hemm każi fejn testijiet urġenti kellhom jintbagħtu Malta bil-*helicopter*.

Fit-teatri ta' l-operazzjonijiet jeżistu diversi nuqqasijiet, fosthom m'hemmx numru adegwat ta' magni tal-loppju, filwaqt li lejn l-aħħar ta' kull sena jkun hemm nuqqasijiet ta' apparat bażiku għal ċertu operazzjonijiet. Barra minn hekk, ċertu apparat qed ikun wisq bil-ħsara.

F'Għawdex, bħal fil-każ ta' Malta, jeżisti nuqqas ta' motivazzjoni ta' l-impjegati mediċi u paramediċi. Hemm ukoll il-bżonn li f'ċerti dipartimenti, ir-riżorsi umani jiżdiedu u f'ċerti każi, hemm bżonn ta' aktar dedikazzjoni lejn il-pazjenti.

Numru sostanzjali ta' mpjegati Għawdxin f'kull settur qed jaħdmu ġo sptarijiet f'Malta. Bi ftehim mar-rappreżentanti tal-ħaddiema, jinstab l-aħjar arranġament ħalli n-nuqqas ta' riżorsi umani fl-isptar ta' Għawdex ikun jista' jiġi rranġat.

Barra minn hekk, ikun hemm inċentivi għall-infermiera, qwiebel u paramediċi oħra biex jagħmlu *post graduate courses* f'Malta.

Fil-kura akuta, jeżistu żewġ swali: waħda għall-irġiel u waħda għan-nisa, fejn f'kull sala

jeżisti taħlit ta' pazjenti b'kondizzjonijiet mediċi ma' dawk li jkunu daħlu għall-operazzjonijiet. Din is-sitwazzjoni m`hix waħda ideali.

Għalhekk, fl-ewwel sitt xhur jibdew jittieħdu l-passi ħalli din is-sitwazzjoni tiġi rranġata. Jiżdiedu żewġ swali oħra ħalli l-pazjenti jkunu mifrudin mhux biss għal raġuni ta' sess, imma għal raġuni ta' kura. B'hekk jinħoloq ukoll spazju biex flimkien ma' użu aħjar ta' l-isptarijiet f'Malta u s-settur privat, parti mill-problema nazzjonali tal-*waiting lists* twal tkun solvuta.
Fl-istess ħin, jittieħdu wkoll il-passi ħalla l-apparat mediku jiġi mmodernizzat u jirrifletti verament il-bżonnijiet ta' kura adegwata għall-Għawdxin, flimkien ma' dawk il-Maltin u barranin li jżuru l-gżira ta' Għawdex.

## 4.3 Saħħa Mentali

Fid-dinja moderna tal-lum, is-saħħa mentali sar wieħed mill-aktar suġġetti li fuqu qed issir riċerka u investigazzjoni. F'dawn l-aħħar snin, kemm l-Għaqda Dinjija tas-Saħħa (WHO) u l-Unjoni Ewropea (EU) ippubblikaw statistika dwar mard relatat ma' kundizzjoni mentali u dwar mortalità. Ħafna pajjiżi ħadu din l-istatistika b'serjetà kbira u indirizzaw diversi servizzi skond il-ħtiġijiet tas-soċjetà tagħhom. Sfortunatament, pajjiżna għadu mhux qed jirrealizza l-importanza ta' dan it-tagħrif xjentifiku.

Is-saħħa mentali għandha tiġi indirizzata fuq tliet livelli differenti:

### 4.3.1 Aspetti legali u *monitoring* f'dan il-qasam

Dan għandu jkun is-sinsla tal-qafas ġenerali biex ikollna servizz b'saħħtu fil-psikjatrija. L-għan aħħari jrid ikun li jiġi skansat kull użu ħażin u abbuż minn persuni taħt kura psikjatrika. Fuq kollox, il-qafas legali irid jiggarantixxi d-drittijiet ta' dawn il-pazjenti.

Fil-preżent, il-liġi li tkopri dan il-qasam ġiet fis-seħħ fl-1976. Hija liġi li tixbaħ dik mgħoddija mill-Parlament Ingliż fl-1959. Filwaqt li l-Ingliżi aġġornaw il-qafas legali tagħhom diversi drabi, aħna ma żammejniex ma' dan il-pass. Gvern Laburista ta' 1996-1998 għamel l-ewwel attentat biex tiġi riformata l-liġi.

Minkejja li l-qafas legali kien diskuss f'diversi fora wara l-1998, l-abbozz ta' liġi tħalla fuq l-ixkaffa. Dan qed ixekkel l-iżvilupp fil-kura psikjatrika fuq bażi moderna.

Fi żmien sena u nofs, Gvern Laburista jkun għadda mill-Parlament, liġi ġdida dwar is-saħħa mentali. Sadanittant, il-Kummissjoni dwar is-Saħħa Mentali tiġi meqjusa bħala għodda importanti fil-qasam tal-psikjatrija.

Ir-rwol tal-Kummissjoni għandu jkun defenit. Fil-qasam tal-kura mentali, il-Kummissjoni għandha tkun l-għassiesa fuq kull min joffri s-servizz tal-psikjatrija. Il-Kummissjoni għandha toffri gwida u tagħti pariri professjonali lill-awtoritajiet filwaqt li tassigura li l-qafas legali (jiġifieri l-Att dwar is-Saħħa Mentali) ikun dejjem aġġornat man-normi ta' prattika skond iż-żmenijiet moderni.
Il-Kummissjoni għandha tkun magħmula minn firxa wiesgħa ta' nies (inkluż rappreżentanti ta' NGOs) biex l-interessi ta' kulħadd ikunu rappreżentati.

## 4.3.2 Żvilupp ta' servizzi differenti

Matul dawn l-aħħar snin, ittieħdu bosta inizjattivi li ġew iffukati fuq servizz fil-komunità. Filwaqt li pajjiżi barranin taw qafas legali lil dan it-tip ta' servizz, anke hawnhekk aħna waqajna lura.

Is-servizz fil-komunità li aħna noffru għadu 'l bogħod milli jkun suffiċjenti. Għandna ntejbuh, imma mhux billi ndgħajfu s-servizz li qed noffru mill-isptar. Is-servizz fil-komunità għandu jkun metodu ieħor kif ngħinu lill-pubbliku li għandu bżonn għajnuna dwar l-istat mentali. Is-servizz fil-komunità għandu jinvolvi timijiet multidixxiplinarji mmexxija minn *manager* kwalifikat.

Fl-istess waqt li s-servizz fil-komunità għandu jissaħħaħ, għandu jkun hemm żvilupp fil-kordinament bejn kull min joffri servizz f'dan il-qasam. Kordinament bejn is-servizzi komunitarji u dawk mogħtija mill-isptar huwa wkoll necessarju.

Filwaqt li s-servizz fil-komunità jista' jnaqqas in-numru ta' pazjenti li jkollhom bżonn kura ġo l-isptar, l-*inpatient treatment* jibqa' essenzjali għal dawk in-nies b'ċerti problemi mentali serji.

Madankollu, servizz fil-komunità effiċjenti jkun jista' jidentifika fil-ħin deterjorament fil-kundizzjoni psikjatrika tal-pazjent. B'hekk, il-pazjent jingħata l-kura u l-attenzjoni fil-ħin qabel il-kundizzjoni mentali tal-pazjent tiggrava. Azzjoni f'waqqtha tista' tgħin ħafna biex pazjent iqatta' anqas ħin għal kura fl-isptar.

Fl-isptar ġenerali, il-preżenza tat-taqsima tal-psikjatrija għandha tibqa' tkun b'saħħitha. Għandu jkun hemm *Unit* speċjalizzat għall-kura ta' dawk il-pazjenti bi problemi akuti żgħar u moderati dwar saħħa mentali.

L-Isptar Monte Carmeli għandu jibqa' l-isptar ewlieni għall-pazjenti li jinħtieġu kura ta' mard mentali. L-isptar għandu joffri taħriġ akkademiku u taħriġ speċjalizzat għall-istaff li jaħdem kemm fl-istess sptar kif ukoll dawk li jagħtu servizz fil-komunità. Għandu jiġi evalwat l-għaqal ta' deċiżjoni ta' kunċett ta' *mixed ward* skond l-esperjenzi akkwistati minn meta din bdiet tinnfunzjona.

*Units* u *wards* differenti għandhom joffru livelli differenti ta' kura u superviżjoni.

*Units* speċjaliżżati, bħal *Forensic Ward* u l-*Maximum Secure Section* għandhom jibqgħu ikunu ċentraliżżati fl-isptar ewlieni.

Għandha ssir evalwazzjoni fejn għandha tkun il-*unit* tat-tfal u l-kwalità ta' kura offruta.

Tingħata importanza lill-kundizzjoni ta' *eating disorders* li fl-aħħar snin kull ma tmur qegħda tiżdied.

## 4.3.3 It-Tmexxija tas-Servizzi Psikjatriċi

Fil-preżent, hemm konfużjoni f'idejn min hu r-rwol eżekuttiv, min qed jimmaniġġja u min hi l-awtorità responsabbli mis-servizzi psikjatriċi. Meta l-awtorità tiġi abdikata, ħadd ma jassumi responsabilità. Setturi fl-isptar huma mmexxija mill-Fondazzjoni għas-Servizzi Mediċi (FMS); setturi oħra huma taħt il-kontroll tad-Diviżjoni tas-Saħħa; filwaqt li oqsma oħra huma taħt il-kontrol taċ-*Chief Executive Officer* (CEO). Il-*Hospital Management Team* u l-*Hospital Management Board* għandhom xi sehem fit-tmexxija wkoll imma il-funzjonijiet tagħhom m'hix ċara. Għalkemm tissemma' ħafna l-kelma "awtonomija", il-ħaddiema jiltaqgħu ma' bosta problemi dwar min hu responsabbli minn xhiex.

HMB wieħed għal dan l-isptar għandu jassumi l-awtorità kollha u jkun *accountable* għal dak kollu li jkun qed jiġri.

## 4.4 Ċentri tas-Saħħa

Gvern Nazzjonalista naqqas l-investiment neċessarju u n-nefqa rikorrenti fil-qasam tal-kura primarja. Gvern ġdid Laburista jrid jaħdem lejn l-għan aħħari li ċ-ċentri tas-saħħa jkunu miftuħa u jissaħħu fil-kwantità tas-servizzi kif ukoll fil-kwalità. L-għan prinċipali jkun li tinaqqas il-pressjoni fuq id-Dipartiment ta' l-Emerġenza u li l-pazjent jinqeda aħjar u fl-iqsar żmien.

Nefqa f'Liri Maltin fuq immodernizzar u xiri ta' apparat għaċ-ċentri tas-saħħa




Iċ-ċentri tas-saħħa jridu jaħdmu f'*network* flimkien mal-bereġ biex il-pazjent jinqeda fil-lokalità tiegħu. B'sistema ta' *networking*, isir użu aħjar u aktar effiċjenti mis-servizz tal-konsulenti fil-kura primarja.

Flimkien mad-Dipartiment tal-Promozzjoni tas-saħħa, iċ-ċentri tas-saħħa u l-bereġ iridu jkunu proattivi fit-tixrid ta' informazzjoni biex iċ-ċittadin jgħix ħajja aħjar. Iċ-ċentri tas- saħħa u l-bereġ ikunu punt ta'referenza għal kull informazzjoni meħtieġa mill-poplu dwar il-kura ta' saħħtu.

Flimkien ma' l-*Institute of Health Care* u l-Università ta' Malta, jsiru programmi ta' taħriġ professjonali aġġornat fil-qasam tal-kura primarja u biex jinħolqu timjiet mediċi/paramediċi li huma multidixxiplinarji fl-ispeċjalità tagħhom ħalli togħla l-kwalità tas-servizz fiċ-ċentri tas-saħħa u l-bereġ. Fost l-ewwel speċjalizzazzjonijiet li jiddaħħlu hemm dik tal-*family health nurse* u tat-tabib tal-familja. Dawn ikollhom rwol importanti fis-servizz li jingħata.

Iċ-ċentri tas-saħħa jidħlu f'kollaborazzjoni mal-Kunsilli Lokali biex issir riċerka xjentifika dwar sorsi ta' theddid għas-saħħa f'komunità partikolari u wara jiġi mfassal pjan ta' azzjoni.

Iċ-ċentri tas-saħħa iridu joħolqu *units* speċjalizzati biex jilqgħu għal ħtiġijiet partikolari ta' persuni b'diżabilità u persuni li huma anzjani.

## 4.5 Kura ta' l-Anzjani

Is-sitwazzjoni ideali għandha tkun li l-anzjani għandhom jibqgħu jgħixu fid-dar tagħhom sakemm ikun possibbli. Sabiex dan ikun jista' jintlaħaq aħjar, għandu jiġi pprovdut tagħlim u taħriġ lill-uliedhom jew qrabathom li jkunu jixtiequ jieħdu ħsieb lil dawn l-anzjani, ħalli jkunu jistgħu jilqgħu għall-ħtiġijiet li jkollhom.

Minħabba li jkun hawn anzjani li jifilħu jgħixu għal rashom imma d-dar tagħhom ma tkunx adattata għall-ħtiġijiet tagħhom, għandhom jinbnew *cluster homes* biex jilqgħu lil dawn l-anzjani.

Il-ħajja ta' l-anzjani għandha tkun mgħejjuna bit-twaqqif ta' *Geriatric Interdisciplinary Teams* (GIT) bil-għan li jgħinuhom meta jkunu qed ibatu b'mard kroniku, psikjatriku, jew ikollhom bżonn għajnuniet soċjali. Dan it-tim irid jassessja u wara jirreferi kull każ biex tingħata l-kura jew tititieħed azzjoni.

Is-servizzi kollha offruti lill-anzjani li joqgħdu d-dar jerġgħu jiġu evalwati u assessjati biex jiġu jirriflettu l-ħtiġijiet moderni ta' l-anzjani u l-familji tagħhom. Dan b'mod speċjali fi żmien meta l-ulied irid ikollhom joħorġu jaħdmu ħalli jgħixu ħajja diċenti.

L-ambjent fid-djar ta' l-anzjani jiġi mġedded biex jirrifletti l-ħtiġijiet moderni. Il-*hotel services* għandhom jissaħħu u jiġu aġġornati biex joffru servizz effiċjenti.

Jiġu mfassla u mwettqa programmi ta' inizjattivi biex l-anzjani jużaw l-esperjenza li jkunu kisbu fl-oqsma li kienu ħadmu tul ħajjithom u b'hekk l-anzjani ma jħossuhomx li m'għadhomx utli għall-komunità li għexu fiha.

Id-Diviżjoni tas-Saħħa flimkien mal-*Institute of Health Care* għandu jfassal taħriġ speċjalizzat għall-istudenti fil-qasam tal-Ġerjatrija.

F'ħidma mal-Kunsilli Lokali, jiżdiedu r-*respite centres* fil-komunità fejn l-anzjani jistgħu jgħixu f'ambjent modern.

Jiġi rivedut il-mod u r-rata ta' kif l-anzjani bdew jiġu ntaxxati mill-1998 'l hawn minkejja li kien mwiegħed lilhom minn Partit Nazzjonalista li dan ma kienx ser jiġri.
L-anzjani ikunu assigurati mill-mediċini u prodotti mediċinali meħtieġa għall-kura tagħhom waqt li jkunu l-isptar għal kura u fir-residenzi għall-anzjani.

Ġewwa r-residenza San Vinċenz de Paul, ikun assigurat tmexxija professjonali u adattata. L-istaff jiġi mħarreġ biex jispeċjalizża fil-qasam tal-ġerjatrija.

Bħal fl-isptarijiet l-oħra għandu jinħatar HMB li jkun responsabbli mit-tmexxija tar-residenza u d-djar fil-komunità.

## 4.6 Saħħa Pubblika

Irid ikun hemm impenn totali fi tfassil ta' politika nazzjonali ta' prevenzjoni. Għal snin twal, ġew identifikati li r-rati ta' mwiet relatati ma' mard tal-qalb, mard ta' l-arterji tal-moħħ u d-dijabete huma għoljin wisq fost il-poplu Malti. Din il-politika nazzjonali ta' prevenzjoni trid tindirizza dawn il-problemi.

Politika nazzjonali mhux biss taffetwa is-servizz tas-saħħa iżda tinvolvi diversi setturi pubbliċi u privati. Din il-politika tkun imfassla wara konsultazzjoni wiesa' ma l-*istakeholders* kollha. Din il-politika tkun taħt id-direzzjoni tal-Ministeru tas-Saħħa bil-kollaborazzjoni u l-parteċipazzjoni ta' diversi setturi oħra. B'hekk biss nistgħu nnaqsu r-rati ta' mard kroniku u infettiv. B'din il-politika nazzjonali Gvern Laburista jkun qabad it-triq biex mhux biss jiggarantixxi poplu b'saħħtu illum iżda wkoll fil-ġenerazzjonijiet li ġejjin.

Parti integrali minn l-implementazzjoni ta' din il-politika jridu jkunu inizjattivi biex tittejjeb il-kwalità ta' l-arja u ta' ilma. Inizjattivi oħra għandhom jiffokaw fuq il-kwalità u l-kwantità ta' ikel li nikkonsmaw kif wkoll inizjattivi biex jiżdied l-ammont ta' eżerċizzju fiżiku li jagħmel il-poplu Malti.

Il-kwalità tal-ilma baħar madwar Malta u Għawdex ta` spiss qed ikun infettat. Barra minn hekk, nofs is-siti tal-baħar mhux qed ikun ittestjat b'mod adekwat. Għalhekk, Gvern Laburista jiggarantixxi li s-siti madwar Malta u Għawdex ikunu ta' livell aċċettabbli

għall-għawm u ma jippruvax iqarraq bil-Maltin u l-Għawdxin billi s-siti ma jiġux ittestjati kif suppost.

Il-Gvern Laburista ta' bejn l-1996-1998 kien diġa` fetaħ diskussjonijiet ma' l-ogħla awtoritajiet tal-Knisja dwar l-introduzzjoni ta' sistema oħra ta' dfin. L-awtoritajiet tal-Knisja kienu qablu. Bħal ħafna oqsma oħra Gvern Nazzjonalista ma kompliex jibni fuq dak li sab u għalhekk dak li kien inbeda baqa' qatt ma ta' frott.

Gvern ġdid Laburista ikompli jaħdem fuq dawn il-linji biex joffri sistemi differenti ta' dfin filwaqt li jipprovdi siti adegwati għad-dfin.

## 4.7 Servizz Privat mit-Tobba

Minħabba bosta raġunijiet, pazjent ġieli jagħżel li għal xi żmien jinqeda bis-servizz miċ-ċentri tas-saħħa, kull tant imur l-isptar u wara jagħżel li jikkonsulta privatament ma' tabib.

Mhux kull pazjent ikun kapaċi jgħaddi l-informazzjoni magħrufa b'mod korrett lil kull tabib differenti. Għalhekk, trid titwaqqaf sistema avvanza ta' EPR biex kull tabib, bil-kunsens ta' pazjent, jista' jaċċessa mill-klinika privata tiegħu, għan-notamenti li jsiru minn tobba fuq dak il-pazjent partikolari. B'riżultat ta' din is-sistema, jiġi assigurat kontinwità fil-kura tal-pazjent.

Sadanittant, jiġi assigurat li sakemm jiddaħħal dan is-servizz, mill-ewwel ġimgħa ta' Gvern Laburista, kull pazjent jingħata *discharge letter* kemm meta joħroġ mill-isptar, kif ukoll perjodikalment mill-*Out-Patients.*

Tobba privati jkunu wkoll mħeġġa li jagħmlu l-istess meta pazjent ikun sejjer l-*Out-Patients* jew ikun taħt il-kura tagħhom wara li jkun ħareġ mill-isptar. Dan ikun jgħodd wkoll għall-paramediċi li jaħdmu fil-privat.

Gvern Laburista irid idaħħal pjan ta' koperazzjoni mill-viċin mat-tobba fis-settur privat. Għalhekk, tobba fis-settur privat jingħataw iċ-ċans li bl-aktar mod responsabbli jistgħu jordnaw direttament numru ta' investigazzjonijiet fuq il-pazjenti tagħhom. Din il-miżura tnaqqas ħafna mill-pressjoni fuq id-Dipartiment ta' l-*Out-Patients.* Ir-riżultati tat-testijiet ikunu aċċessibbli fuq l-EPR. Jiddaħħlu protokolli ċari u jsir awditjar tas-sistema ħalli ma jkunx hemm ħela jew testijiet ordnati b'kapriċċ. Dan ikun jista' jsir wara li jissaħħu

d-Dipartimenti tal-Patoloġija u Radjoloġija.

Fl-istess ħin, it-tobba fil-privat jiġu mħajjra jiffurmaw *group practices.*

Filwaqt li tissaħħaħ il-website tad-Diviżjoni tas-Saħħa, t-tobba privati jerġgħu jibdew jiġu infurmati b'*e-mails* u b'letteratura bl-aħħar innovazzjonijiet u avviżi fil-qasam tas-saħħa, twissijiet relatati u tagħrif mediku ieħor aġġornat.

## 4.8 Mediċinali

B'mod regolari, pazjenti qed jiġu ffaċjati b'mediċini *out of stock* fis-settur governattiv. Fl-istess ħin, id-dejn tal-Gvern ma' l-importaturi tal-mediċini u prodotti anċillari tlaħħaq mat-Lm12-il miljun.

Barra minn hekk, b'mod speċjali fl-aħħar sentejn ġie nnutat żieda fil-prezzijiet tal-mediċina, filwaqt li fis-settur privat, in-numru ta' mediċini niżlu għal 20% tal-mediċini li kien hawn fis-suq. Dan huwa riżultat ta' deċiżjonijiet żbaljati fis-sistema ta' kif iddaħħlu r-regoli tar-reġistrazzjoni tal-mediċini fejn ma ngħatatx l-importanza li Malta hija gżira b'popolazzjoni żgħira.

Għalhekk, trid issir evalwazzjoni mill-ġdid tas-sistema ta' reġistrazzjoni tal-mediċini. Filwaqt li Gvern ġdid Laburista jkun impenjat li ma jħallix mediċini ta' kwalità inferjuri jidħlu fis-suq Malti, jiġi assigurat li jkun hawn għażla ta' mediċini differenti. Jiġu evalwati wkoll dawk il-miżuri li qed jgħollu l-prezzijiet tal-mediċini b'riżultat tal-burokrazija ta' din is-sistema ta' reġistrazzjoni. Wara ssir reviżjoni ta' dawn il-miżuri.

Wara ftehim ma' dawk konċernati, tiddaħħal sistema fejn min hu intitolat għall-mediċina b'xejn, dan jista' jiġborha mill-ispiżerija privata.

Ser jittieħdu l-passi neċessarji ħalli fis-settur governattiv titnaqqas il-ħela, innaqqsu l-abbuż, evalwat il-mod kif isiru l-ordnijiet ta' mediċina u fuq is-sistema ta' xiri ta' *medical equipment*.

Fl-ewwel xahar ta' amministrazzjoni Laburista, jittieħdu l-passi ħalli mediċina mogħtija lil min għandu xaħam fid-demm tibqa' tingħatalu anke wara l-età ta' 75 sena.

Id-Direttorat li Jissorvelja s-Suq jiġi obbligat li kull sitt xhur irid jippreżenta rapport

dettaljat ta' ċaqliq ta' prezzijiet ta' mediċinali u jinvestiga jekk dawn l-aġġustamenti fil-prezz tal-mediċinali huwiex ġustifikat jew le.

Irid isir kontroll effettiv fuq ix-xiri u importazzjoni ta' mediċina minn fuq siti ta' l-*internet* bla ebda preskrizzjoni tat-tabib.

## 4.9 Promozzjoni tas-Saħħa

Gvern ġdid Laburista jagħti attenzjoni partikolari lill-promozzjoni tas-saħħa. Għalhekk irid irawwem liċ-ċittadini kollha jgħixu kwalità ta' ħajja aħjar u speċjalment lit-tfal li jagħmlu dan sa minn ċkunithom.

Dan jista` jsir ukoll billi jiġu involuti l-Kunsilli Lokali.

Bi ftehim mal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Kunsilli Skolastiċi, l-iskejjel tal-Knisja u dawk indipendenti, tiġi stabbilita *policy* nazzjonali dwar il-prodotti għall-bejgħ fit-*tuck shops* ta' l-iskejjel u jiġu ppremjati skejjel li jagħżlu li jkunu konformi ma' *healthy eating policy*.

Flimkien ma dawn l-*istakeholders* tiġi wkoll implimentata strategija sabiex it-tfal ta' l-iskola jqattgħu aktar ħin f'taħriġ fiżiku. B'hekk, tigi implimentata *healthy school policy* li tkun tkopri oqsma diversi relatati mas-saħħa fizika u mentali tat-tfal.

Flimkien mad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, id-Dipartiment tal-Promozzjoni tas-Saħħa irid ifassal strateġija effettiva favur l-istudenti biex jgħixu ħajja 'l bogħod mid-droga u l-abbuż ta' l-alkoħol.

Gvern ġdid Laburista jara li jkun hemm programmi viġilanti u ma jaqtgħu xejn fuq l-użu tal-*family health nurse*, mard sesswali, prevenzjoni minn mard kroniku u infettiv, l-iġjene personali u l-aħjar kura tas-snien.

Bis-sehem ta' għajnuna u konsulenza mill-WHO, u b'kollaborazzjoni mal-Kunsilli Lokali, jerġa` jitkompla x-xogħol fuq il-programmi magħrufa bħala *Healthy Cities* u *Healthy Prisons*. Dawn il-programmi nbdew taħt l-amministrazzjoni ta' Gvern Laburista 1996-1998 imma twaqqfu b'mod kapriċċjuż mill-gvern preżenti.

## 4.10 Donazzjoni ta' l-Organi

Il-Ministeru tas-Saħħa jaħtar *Task Force* sabiex fi żmien sena tagħmel proposti biex Malta jkollha liġi moderna favur id-donazzjoni ta' l-organi għal skop ta' trapjant. Malli din il-liġi tidħol fis-seħħ, jitwaqqaf ufficċju fl-isptar ħalli jsir sforz kordinat sabiex in- nies jifhmu aħjar is-siwi meta jagħtu l-kunsens għad-donazzjoni ta' l-organi tal-mejjet lill-persuna oħra li tkun tinħtieġ li jsirilha trapjant biex tgħix aħjar.

Gvern Laburista ser isegwi b'reqqa u b'attenzjoni d-diskussjoni kollha li hawn dwar l-iżvilupp ta' organi minn demm meħud mill-kurdun tas-sekonda waqt it-twelid tat-tarbija. Jekk ikun hawn qbil wiesa' dwar din il-materja, Gvern Laburista jsegwi l-prattika.

## 4.11 L-Iskola Medika u l-Institute of Health Care

L-Iskola Medika Maltija hija fost l-eqdem u l-aħjar fl-Ewropa. Il-kwalità ta' tobba u dentisti Maltin li ħarġu mill-Iskola medika hija xiehda ħajja ta' dan. Biex il-gvern preżenti jiffranka l-flus, ħa d-deċiżjoni żbaljata li jabbanduna l-pjani li kellu hu stess biex jibni Skola Medika biswit l-isptar il-ġdid f'Tal-Qroqq. Minflok, issa ddeċieda illi jieħu parti mill-bini ta' l-isptar il-ġdid u jitfa' l-Iskola Medika u l-Institute of Health Care ġo l-isptar. Dawn il-ftit kmamar issa ser isiru l-Iskola Medika Maltija u l-Institute Of Health Care. Dan ser ikollu effett negattiv fuq il-livell ta' tagħlim.

Qabel l-1987, kienu qed isiru preparamenti ma' skejjel mediċi Ingliżi u Belġjani ħalli parti sostanzjali mit-taħriġ ta' speċjalizzazzjoni jsir f'pajjiżna. Sfortunatament, it-taħdidiet kienu waqfu ħesrem wara l-elezzjoni ta' l-1987 biex tlifna opportunità ta' kollaborazzjoni ma' l-aqwa universitajiet. Gvern Laburista ikun impenjat li jidħol f'taħdidiet ħalli din l-opportunità ta' speċjalizzazzjoni f'pajjiżna tkun investigata.

Gvern ġdid Laburista jagħti l-għarfien mistħoqq lill-Iskola Medika u jimpenja ruħu illi jipprovdi infrastruttura adegwata biex din l-istituzzjoni nazzjonali tkun tista' tiffunzjona fuq livelli ta' eċċellenza għal ġid tal-poplu Malti.

Isir kull sforz biex anke l-*Istitute of Health Care* jiġi aġġornat mal-ħtiġijiet moderni ta' tagħlim vokazzjonali.

## 4.12 Pazjenti u qraba li jinħtieġu jivvjaġġaw

Gvern ġdid Laburista jifhem u jagħder it-tbatija ta' pazjenti u l-qraba tagħhom li jinħtieġu kura barra minn Malta, kif ukoll dawk l-Għawdxin li jintħieġu jiġu Malta għall-kura.

Għalhekk, ser jinħoloq *Support Unit* biex persuna qrib il-pazjent li jkun barra minn Malta għall-kura, tkun tista' żżuru.

Barra minn hekk, dan is-*Support Unit* jgħin lill-qraba iżommu kuntatt ta' komunikazzjoni mal-pazjent, b'mezzi elettroniċi, jekk il-qraba ma jkollhomx faċilitajiet bħal *internet* u *webcam* fir-residenza privata tagħhom.

B'kollaborazzjoni ma' l-ambaxxati Maltin barra minn pajjiżna, irid ikun hemm aktar koordinazzjoni u sehem proattiv sabiex titnaqqas it-tbatija ta' dawn in-nies.

Pazjenti Għawdxin li jkollhom jiġu Malta għall-kura jkunu assigurati l-għajnuna neċessarja. Din l-għajnuna tkun estiża għall-persuna li tkun qegħda takkumpanjahom. F'każ ta' pazjenti tfal, l-għajnuna tkun estiża għaż-żewġ ġenituri.

## 4.13 Sostenibilità

Gvern ġdid Laburista m'hu ser jalludi lil ħadd li għandu bakketta maġika li ser isolvi f'qasir żmien il-kollass finanzjarju li ser iħalli Gvern Nazzjonalista minħabba l-ħela, nuqqas ta' ippjanar u strateġiji ħżiena.

Gvern ġdid Laburista iwiegħed li permezz ta' awditjar serju, jevalwa l-operat ta' kull vot taħt il-Ministeru tas-Saħħa, jassessja il-benefiċċji li qed jieħu minnu il-poplu u jwettaq dawk ir-riformi fil-kuntest tal-politika nazzjonali dwar is-saħħa.

Kull riforma trid tkun ibbażata fuq ekwità u solidarjetà. Il-kura tas-saħħa offruta mil-istat trid tkun aċċessibli għal kullħadd.

Kull żieda fin-nefqa fis-settur tas-saħħa ssir bl-akbar responsabilità, b'mod trasparenti u li tagħti riżultati pożittivi għall-ġid tal-pazjenti, kif ukoll ittejjeb il-kwalità tal-ħajja tal-poplu Malti u Għawdxi.

## 4.14 Qasam Internazzjonali

Gvern Laburista ġdid jerġa` jagħti importanza lis-sehem fil-qasam internazzjonali sabiex jiftaħ orizzonti ġodda ta' taħriġ professjonali għall-impjegati kollha.

## 5.0 Għeluq

Huwa kunċett maqbul li hemm *two-way relationship* bejn żvilupp ekonomiku u s-saħħa. Ir-rata ta' ħajja itwal u l-livell ta' saħħa għandhom impatt fuq il-kwalità ta' għixien. Kull żjieda fl-attività ekonomika huma b'riżultat ta' għarfien u kundizzjonijiet aħjar ta' saħħa.

Gvern Laburista ġdid iħares lejn kull lira ivvutata fil-*budget* tas-saħħa mhux bħala nefqa imma bħala investiment.